MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 453/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**vs**
**Neil Andrew Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Neil Andrew Vella**, ta' 26 sena, iben Andrew VIncent u Pamela nee' Cocks, mwieled Londra (UK) nhar is-7 ta' Settembru 1976, u residenti f' 18, Triq il-Parocca, Hal-Luqa, detentur tal-karta tal-identita' 14406(A)/ 175103(M):

Talli f'Rahal Gdid nhar l-24 ta' Mejju 2003 ghal-habta ta' 12.30pm, ikkommettejt serq ta' oggetti u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin, mill-fond Portelli's Pharmacy sitwata fi Triq Hal-Luqa, Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza, bil-mezz u l-valur u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess fond u ta' Fiona Caruana;

U aktar talli, fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Fiona Caruana kontra l-volonta' taghha;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Ukoll talli huwa recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju, 2004 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura skond il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2004.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha;

Wara li rat l-atti tal-kawza, jirrizulta illi l-ammissjoni tal-imputat hija kompatibbli mal-istess fatti tal-kaz u ghalhekk issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261 sa 267, 276 sa 280, 289, 330, 334, 49 u 51 tal-Kap 9 u 13, 19, 25 sa 27 tal-Kap 66;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll wara li semghet ix-xhieda tal-karattru imressqa mid-difiza u hadet in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Tikkundana lil-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mill-lum. Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Wara li il-Qorti kienet infurmata illi l-imputat ikkwalifika ghall-programm residenzjali tal-Caritas f'San Blass (vide xhieda fol. 224) tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jappoggja din l-inizjattiva
tal-imputat u jaghti fakulta lill-imputat sabiex jattendi ghal dan il-programm.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------